# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 3.14

## Kap 3: Il-qalb tajba

## Lezzjoni 3.14: Nitgħallmu mill-iżbalji

**L-Għanijiet:**




**L-istudenti:**

1. It-tfal jifhmu li kulħadd jagħmel żbalji.
2. Jirrealizzaw li l-iżbalji jibqgħu żbalji jekk ma titgħallimx minnhom.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Video 'The Baby lion's Mistake'.

https://www.youtube.com/watch?v=lUEINT8_YTg



**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Staqsi lit-tfal: Min jagħmel żball?
- Wassalhom jifhmu li kulħadd jagħmel żball għax kulħadd hu bniedem għax Alla biss ma jagħmilx żbalji!
- Fiehem li mill-iżball li tagħmel trid titgħallem.
- Spjega kif meta fuq il-pitazz jagħmlu xi żball l-għalliema tagħtihom jiktbu l-kelma għal tliet darbiet. Dan għaliex tagħmlu? Għax jekk inti l-kelma ktibtha ħażina, għandek bżonn titgħallimha.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Uri l-film li jismu 'The  Baby lion's Mistake'.  L-istorja tgħidilna kif iljun żgħir ma obdiex lil missieru u meta ltaqa' ma' lupu u dan qallu biex imur miegħu fil-foresta dan mar. Huma marru 'l bogħod fil-foresta f'post fejn l-iljun ma kienx iħalli lit-tifel imur.  Hawnhekk il-lupu kien se joqtol lill-iljun iż-żgħir. F'dak il-ħin wasal l-iljun il-missier u salvah.  L-iljun iż-żgħir induna x'seta' ġralu u wiegħed lil misssieru li darboħra kien jobdi minnu.

2. Staqsi  lit-tfal x'jaħsbu li għamel ħażin l-iljun iż-żgħir. Għaliex missieru kien qallu biex ma jmurx f'dak il-post tal-foresta? X'seta' ġaralu l-iljun iż-żgħir?

3. Iddiskuti mat-tfal, jekk jistgħu, huma jqabblu din l-istorja ma' xi ħaġa li ġrat lilhom? Jaħsbu li l-iljun iż-żgħir se jerġa' jmur hemmhekk? Għaliex? Għax issa kien tgħallem mill-iżball.

4. Sjega kif aħna wkoll irridu nobdu mill-ġenituri, min-nanniet, mill-għalliema, għax dawn li jgħidulna jkun għall-ġid tagħna u għax huma peress li għadhom żgħar ma jafux x'inhu ta' periklu għalihom.  U meta jagħmlu xi żball irid jiddispjaċihom u importanti li ma jerġgħux jagħmlu l-istess!



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

- Għandna nobdu min-nies li jħobbuna u mhux min-nies li ma nafuhomx.
- Meta nagħmlu żball għandna nitgħallmu minnu.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal irabbu fihom sens li jobdulil min jixtiqilhom il-ġid.
- It-tfal jitgħallmu li anke l-iżbalji tagħna nistgħu nitgħallmu minnhom.





## Nitolbu

Mulej Ġesu',

Għinna dejjem nobdu u meta nagħmlu xi żball għinna nindunaw x'inkunu għamilna ħażin biex ma nerġgħux nagħmlu hekk.